# DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI TA' L-UNJONI EWROPEA

## ta' l-1 ta' Mejju 2004

## li taħtar imħallfin tal-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej

(2004/490/EF, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' l-ISTATI MEMBRI TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 224 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 140 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (Att ta' Adeżjoni ta' l-2003), u b' mod partikolari l-Artikolu 46(1) u (2)(b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 46(1) u (2)(b) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 jipprovdi għall-ħatra ta' għaxar mħallfin fil-Qorti tal-Prim' Istanza. Il-mandat ta' ħamsa minn dawk l-imħallfin jintemm fil-31 ta' Awissu 2004. Dawn l-imħallfin jintgħażlu bix-xorti. Il-mandat ta' l-imħallfin l-oħra jintemm fil-31 ta' Awissu 2007.

(2) Għaxar imħallfin addizzjonali fil-Qorti tal-Prim' Istanza għandhom għalhekk jiġu maħtura, skond l-Artikolu ta' hawn fuq u wara li jkunu ttellgħu bix-xorti kif previst fih.

(3) Il-ħatra ta' l-għaxar imħallef tista' ssir biss f'data aktar tard,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura mħallfin tal-Qorti tal-Prim' Istanza għall-perijodu mill-1 ta' Mejju 2004 sal- 31 ta' Awissu 2004:

Sinjura Küllike JÜRIMÄE

Sur Savvas S. PAPASAVVAS

Sur Ottó CZÚCZ

Sinjura Irena WISZNIEWSKA-BIAŁECKA

Sur Daniel ŠVÁBY.

*Artikolu 2*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura mħallfin tal-Qorti tal-Prim' Istanza għall-perijodu mill-1 ta' Mejju 2004 sal-31 ta' Awissu 2007:

Sinjura Irena PELIKÁNOVÁ

Sinjura Ingrīda LABUCKA

Sur Vilenas VADAPALAS

Sinjura Ena CREMONA.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil- *Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussel, l-1 ta' Mejju 2004

A. ANDERSON

*Il-President*